MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 419/1993/1

**George Peresso**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija u Kontrollur tad-Dwana u b'digriet tat-13 ta' Lulju, 1993 l-Onor. Prim Ministru in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta gie imdahhal fil-kawza.**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-18 ta' April, 1997. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza, kif jirrizultaw kemm mid-dokumenti ezibiti kif ukoll mid-deposizzjonijiet tal-istess rikorrent (fol. 13) u tal-ex Ufficjal tad-Dwana Anthony Fava (fol. 34), jistghu brevement jigu riassunti hekk:

1. Fis-26 ta' Jannar, 1985 ir-rikorrent George Peresso kien fl-Ajruport ta' Hal-Luqa jistenna li jsiefer lejn Ruma fuq titjira ta' l-Air Malta. Huwa kien diga ghadda mis-sezzjoni li tivverifika l-passaporti u kien jinsab fid-*departure lounge* meta l-Ufficjal tad-Dwana Anthony Fava ghamel *spot check* ghal valuta estera fuq diversi persuni f'dik il-*lounge*, fosthom ir-rikorrent appellant.

2. Fuq ir-rikorrent instabu kwantita` ta' flus u *travellers cheques* li, skond l-imsemmi Ufficjal tad-Dwana ma kienux koperti bil-permess mehtieg ghal hrug barra minn Malta. Peresso qal lil dan l-Ufficjal li l-flus kienu ta' Taljan li kien qieghed ukoll jistenna biex isiefer, izda dan it-Taljan cahad dan. Fava, ghalhekk, eleva l-flus u t-*travellers cheques*, irrilaxxja ricevuta kif tidher a fol. 21 tal-atti, u ghamel ir-rapport lis-superjuri tieghu. Il-flus hekk maqbuda kienu: elfejn u erba' mija (2,400) Mark Germaniz fi flus kontanti, sittin elf (60,000) Liri Taljani, ukoll fi flus kontanti, sitt mija u tmenin (680) Dollaru Amerikan fi *travellers cheques* u elfejn u hames mitt (2,500) Frank Svizzeru ukoll fi *travellers cheques*.

3. Peresso tressaq akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bi ksur kemm ta' diversi disposizzjonijiet kemm ta' l-Ordinanza tad-Dwana kif ukoll tal-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju. B'sentenza motivata u studjata moghtija minn dik il-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 1986, huwa instab hati

***"…talli fid-data, hin u lok indikati fl-imputazzjoni bhala persuna li mhux negozjant awtorizzat u li kellu pussess jew kontroll fuq flus barranin f'Malta, jew meta ma kellux aktar bzonn tal-flus barranin jew parti minnhom, naqas li joffri dawn il-flus barranin jew jara li jigu offerti ghall-bejgh lil negozjant awtorizzat u aktar talli ittanta li jesporta minn Malta valuta estera u***

***dan kollu in konnessjoni ma' 2400 mark germaniz u 60,000 liri taljani fi flus kontanti kif ukoll 680 dollaru amerikan u 2500 frank svizzeru u tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' Lm500 (hames mitt lira); Issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra [tieghu] stante li ma jirrizultawx u minnhom qed jigi liberat. Skond l-Artikolu 42 tal-Att XLIX / 1972 il-Qorti tista' tordna l-konfiska tal-flus kontanti u travellers cheques in kwistjoni. In vista tal-fatt illi l-imputat jivjagga ta' spiss u ghalhekk jista' jkun li fil-konfront tal-parti l-kbira tal-flus u cheques in kwistjoni kienu inhargu f'okkazzjonijiet ta' safar precedenti ghal dik in kwistjoni il-permessi relattivi, kif ukoll tal-fatt illi l-imputat setgha talab u ottjena permess in konnessjoni mas-safra in kwistjoni li johrog flus mieghu almenu ghal parti mill-ammont komplessiv in kwistjoni, tordna biss il-konfiska tad-dokumenti JC1 u JC2 u cioe` tal-flus kontanti."***

4. Peresso appella. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, b'sentenza moghtija fil-5 ta' Mejju 1992, irriformat l-ewwel sentenza billi lliberatu f'dik il-parti fejn huwa kien instab hati fl-ewwel istanza. Id-decide ta' dik is-sentenza jghid hekk:

***"Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellant tirrevokaha fejn sabitu hati u kkundannatu u minflok tiddikjara lill-appellant mhux hati u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena u tordna ir-rilaxx tal-flus u cheques esibiti favur tieghu."***

5. Ftit granet wara din is-sentenza il-Kontrollur tad-Dwana pprezenta rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali li permezz tieghu huwa (cioe` l-Kontrollur) talab li jkun jista' jizbanka l-imsemmija flus u *travellers cheques*. Il-Kontrollur tad-Dwana kkontenda li dawn il-flus u assenji kienu saru proprjeta` tal-Gvern in forza ta' dak li jipprovdi

l-Artikolu 72(1) tal-Kap. 37. Mid-deposizzjoni tar-rikorrent jidher li appena sar jaf b'dan ir-rikors tal-Kontrollur tad-Dwana anke hu (ir-rikorrent) ghamel rikors biex jiehu dawn il-flus u assenji, izda jidher li la r-rikors tal-Kontrollur u anqas dak tar-rikorrent Peresso ma gew dekretati mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, b'mod li effettivament ir-rikorrent baqa' ma rnexxilux jiehu il-flus u t-*travellers cheques* ezibiti fil-Qorti. Il-Qorti tifhem li anqas il-Kontrollor tad-Dwana ghadu sal-lum ma rnexxilu jizbanka dawn l-oggetti.

Ir-rikors promotorju ikompli hekk:

**Illi dawn il-fatti huma lezivi tad-drittijiet fondamentali tal-esponent u in partikolari jilledu id-dritt ta' l-esponent ghal smigh gust u xieraq u ghad-dritt ta' proprjeta` kif protetti fl-Artikoli 39 u 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att 14 tal-1987, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Ewwel Skeda mal-Att 14 tal-1987;**

**Illi l-lezjoni hija cara u manifesta u tikkonsisti billi r-rikorrent qed tittehidlu l-proprjeta` tieghu u qieghed jigi assoggettat ghal konfiski minghajr ebda smigh u izjed u izjed minghajr [ma] qed jinghata ebda access ghal Tribunal Indipendenti minghajr ebda htija stante li huwa gie mill-Qorti liberat minn kull htija jew responsabilita` taht l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u minghajr ebda kumpens xieraq ghal dan l-istess proprju *(<u>sic</u>!)*. Ghalhekk il-proceduri taht liema l-intimati qed jippretendu li jopponu r-rilaxx tal-flus fuq imsemmija f'idejn George Peresso u l-ligijiet taht liema dawk l-istess proceduri qeghdin jittiehdu huma anti-Kostituzzjonali u lesivi tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti;**

**Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbili Qorti joghgobha tiddikjara li gew lezi fil-konfront tieghu id-drittijiet tieghu ta' proprjeta` u smigh xieraq kif sanciti fil-fuq imsemmija Artikoli <u>fil-fatt li huwa ghalkemm talab l-izbank tal-fuq imsemmija cekkijiet u flus wara l-opposizzjoni tal-</u>**

**Kontrollur tad-Dwana ma rnexxilux jottjeni l-istess mill-Qorti tal-Appell Kriminali u b'hekk tordna dina l-Onorabbili Qorti li jinghataw dawk ir-rimedji li jidhrilha opportuni u xierqa biex jigu salvagwardati d-drittijiet tar-rikorrent.** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Din il-Qorti irriproduciet hawn fuq din is-silta mir-rikors promotorju ghax ghalkemm partijiet minnha ma huma xejn cari biex wiehed ikun jaf ezattament minn x'hiex qed jilmenta r-rikorrent, il-parti sottolineata, pero`, tillimita, tiddelinea u fl-istess hin ticcara l-posizzjoni li qed jiehu r-rikorrent f'din il-kawza. Ir-rikorrent, ghalhekk, qed jilmenta mhux mill-Artikolu 72 tal-Kap. 37 – artikolu li mkien ma jissemma' fir-rikors kollu – izda mill-fatt tal-agir tal-Kontrollur tad-Dwana, ossia mill-opposizzjoni li huwa qed jaghmel (permezz tar-rikors tieghu u, presumibbilment, permezz tar-risposta ghar-rikors ta' l-istess Peresso quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali) biex ir-rikorrent Peresso jiehu minn taht l-awtorita` tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali il-flus u *travellers cheques* in kwistjoni. Huwa veru li d-difensur tar-rikorrent, fi stadju minnhom, ipprova jisposta, jew ahjar, izid gravam gdid billi jaghmel referenza *"ghat-talba tieghu dwar l-inkostituzzjonalita` tal-ligi imsemmija fil-paragrafu penultimu tar-rikors"*; pero`, kif jidher car mill-paragrafu penultimu u mill-ahhar paragrafu tar-rikors hawn aktar 'l fuq riportati, la hemm ligi imsemmija fil-paragrafu penultimu u anqas hemm fih talba. L-unika talba hija fl-ahhar paragrafu. Sfortunatament din il-kawza giet, kemm quddiem l-ewwel Qorti, kif ukoll quddiem din il-Qorti, dirottata mill-partijiet fuq binarji kompletament zbaljati, kif ser jigi mfisser aktar 'l quddiem.

Permezz tas-sentenza taghha tat-18 ta' April, 1997 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet hekk:

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi dan ir-rikors billi filwaqt li tichad it-talba in kwantu bazata fuq id-drittijiet imharsa bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987, tilqaghha in kwantu bazata fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-**

**Ewwel Skeda tal-imsemmi Att XIV tal-1987, u tordna lill-intimat Kontrollur tad-Dwana jiehu l-passi mehtiega biex minnufih jigi rtirat ir-rikors minnu prezentat u li kopja tieghu tinsab a fol. 22 tal-process u li l-intimati jiddesistu milli jiehdu xi passi li jistghu jzommu lir-rikorrent milli (kif ukoll ordnat fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-5 ta' Mejju, 1992) jiehu lura l-flus u c-cheques li gew maqbuda minghandu skond id-dokument a fol. 21 tal-process. L-ispejjez jithallsu mill-intimat Kontrollur tad-Dwana.**

Ghandu jigi precizat li din is-sentenza inghatat f'ismijiet zbaljati (kif jidher mill-kopja ezibita fl-atti). In fatti din is-sentenza inghatat fl-ismijiet *"George Peresso v. Kummissarju tal-Pulizija"*, b'ommissjoni, ghalhekk, fl-okkju kemm tal-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tal-Onor. Prim Ministru[1]. Dan il-fatt jidher li induca fi zball kemm lill-avukat tal-Gvern Dott. Peter Grech (li appella biss f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kontrollur tad-Dwana) kif ukoll lill-istess rikorrent Peresso (u l-Avukat tieghu) li fir-risposta tieghu ghar-rikors ta' appell indika l-okkju tal-kawza bhala *"George Peresso v. Kummissarju tal-Pulizija u l-Kontrollur tad-Dwana".* Imkien, la fir-rikors ta' appell, la fir-risposta ta' Peresso u anqas fit-trattazzjoni tal-partijiet (inkluza dik traskritta tat-22 ta' April, 2002) ma hemm l-icken accenn li suppost li hemm intimat iehor f'din il-kawza, intimat li f'daqqa wahda sparixxa u kullhadd insieh (hlief din il-Qorti). Din il-Qorti rat l-Artikolu 175 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u hi tal-fehma li s-subartikolu (2) ta' dana l-artikolu jaghti l-fakolta` lil din il-Qorti li *ex officio* u fis-sentenza stess, issewwi l-okkju (b'mod li din is-sentenza qed tinghata fl-okkju korrett), b'dan pero` li dana l-fatt, naxxenti minn zball ta' l-ewwel Qorti u traskuragni ta' l-avukati kemm quddiem l-ewwel

[1] Il-Prim Ministru kien gie kjamat fil-kawza b'digriet ta' l-ewwel Qorti tat-13 ta' Lulju, 1993 wara talba verbali tal-Avukat Ian Refalo a nom tar-rikorrent. Jidher li dan il-kjamat fil-kawza gie notifikat bir-rikors promotorju fl-1 ta' Ottubru, 1993 (ara riferta a tergo ta' fol. 11); u l-unika – u l-ahhar – referenza li qatt saret ghalih kienet fil-verbal ta' l-udjenza tal-20 ta' Ottubru, 1993 fejn jinghad: "Aktar tard deher ukoll Dr. Mark Said ghan-nom tal-Prim Ministru u informa lill-Qorti li kellha tigi prezentata nota fejn jirrimetti ruhu ghas-sottomissjonijiet ta' l-intimat l-iehor [recte: intimati l-ohra]". Din in-nota qatt ma giet prezentata.

Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti, ma ghandu b'ebda mod jippregudika xi wahda mill-partijiet fil-kawza.

Minn din is-sentenza appellaw, kif inghad, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kontrollur tad-Dwana. Huma qed jargumentaw, bazikament, li b'effett tal-Artikolu 72 tal-Ordinanza tad-Dwana, il-flus u *travellers cheques* in kwistjoni kienu saru proprjeta` tal-Gvern ta' Malta peress li Peresso ma kienx segwa l-procedura traccjata fis-subartikoli (1) u (2) tal-imsemmi Artikolu 72 b'mod ghalhekk – dejjem skond dawn iz-zewg appellanti – li dawn l-oggetti kienu saru proprjeta` tal-Gvern *ope legis.* Ir-rikorrent appellat (Peresso) fir-risposta tieghu, filwaqt li sostna li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti kienet korretta in kwantu sabet li kien hemm lezjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u in kwantu ordnat lill-Kontrollur tad-Dwana biex jirtira r-rikors tieghu, appella incidentalment minn dik il-parti tas-sentenza li rrespingiet it-talba tieghu bazata fuq l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni.

Frankament din il-Qorti ma tistax tifhem kif is-semplici fatt li jkun hemm (a) kontestazzjoni (b) quddiem Qorti – f'dan il-kaz il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – dwar (c) min ghandu jiehu ossia jizbanka xi oggetti jista' b'xi mod jammonta ghal lezjoni tad-dritt ta' xi hadd ghall-proprjeta` jew tad-dritt ghal smigh xieraq. Huwa dan u dan biss li r-rikorrent verament qed jikkontesta, u cioe` il-fatt li meta huwa mar fir-Registru tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali biex jirtira l-flus u l-assenji qalulu li ma jistghux jaghtuhomlu ghax kien hemm ir-rikors tal-Kontrollur tad-Dwana. Ir-rikorrent, in fatti, ghamel rikors hu wkoll biex jiehu l-oggetti – u z-zewg rikorsi baqghu mhux dekretati sal-gurnata li intavola r-rikors promotorju (fil-15 ta' Gunju, 1993, jigifieri kwazi sena wara li kien ghamel ir-rikors il-Kontrollur tad-Dwana – ma jirrizultax mill-atti meta ghamel ir-rikors tieghu quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali r-rikorrent Peresso). Pero` r-rikorrent mhux jilmenta minn xi dewmien da parti tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali; qieghed semplicement jghid li peress li xi hadd qed jikkontesta t-talba tieghu ghar-rilaxx tal-oggetti u peress li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghadha ma tistax tiddeciedi min ghandu ragun – jekk hux

hu jew il-Kontrollur tad-Dwana – allura dan il-fatt fih innifsu hu leziv tad-drittijiet fondamentali tieghu. Dan l-argument jezorbita kompletament mir-relm tas-sens komun. U, wara kollox, din il-Qorti ma tafx ghala z-zewg rikorsi ghadhom ma gewx dekretati – jista' jkun li r-rikorsi ntilfu u r-rimedju semplici kien ikun li huwa jintavola rikors iehor. Huwa veru li sena huwa pjuttost zmien twil biex jigi dekretat rikors (jew rikorsi), pero` anqas saret xi prova li r-rikorrent, per ezempju, ippresenta xi nota jew rikors biex jipprova jfakkar lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali dwar ir-rikors tieghu (wara kollox hu r-rikors tieghu kien jinteressah, mhux dak tal-Kontrollur tad-Dwana). Huwa biss wara li jigi dekretat wiehed mir-rikorsi – b'mod li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tkun iddecidiet li ghandu ragun il-Kontrollur tad-Dwana – li huwa koncepibbli u jista' jaghmel sens ir-rikors promotorju. F'dan is-sens, ghalhekk, din il-Qorti tara li r-rikors tal-15 ta' Gunju, 1993 kien wiehed intempestiv u malament stradat.

Ghall-motivi premessi, filwaqt li tirrespingi l-appell incidentali tal-appellat Peresso, tilqa' l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Kontrollur tad-Dwana u konsegwentement tirrevoka dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn it-talba tar-rikorrent intlaqghet "in kwantu bazata fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Ewwel Skeda tal-imsemmi Att XIV tal-1987" kif ukoll tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat "lill-intimat Kontrollur tad-Dwana jiehu l-passi mehtiega biex minnufih jigi rtirat ir-rikors minnu prezentat u li kopja tieghu tinsab a fol. 22 tal-process u li l-intimati jiddesistu milli jiehdu xi passi li jistghu izommu lir-rikorrent milli (kif ukoll ordnat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-5 ta' Mejju, 1992) jiehu lura l-flus u c-cheques li gew maqbuda minghandu skond id-dokument a fol. 22 tal-process"; u fl-ahharnett tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ordnat li l-ispejjez (tal-ewwel istanza) jithallsu mill-Kontrollur tad-Dwana, u minflok tordna li dawk l-ispejjez ghandhom, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom ukoll jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

---------------------------------TMIEM---------------------------------